MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1022/2012

**Robert Vyletel kif lokalment rapprezentat mill-mandatarju specjali Dr David Gonzi**

**Vs**

**Eurocasinobet Limited**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fit-12 ta’ Ottubru 2012 l-attur talab il-hlas ta’ ghoxrin elf ewro (€20,000) ghal self li qal li ta lill-konvenuta.

Fil-mori tal-kawza sar il-hlas (ara verbal tat-30 ta’ Novembru 2012) u l-attur nomine rrinunzja ghat-talba fil-meritu. Fadal li tinghata decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez.

Il-qorti wara li rat l-atti (ara dokument AC1 anness man-nota tas-17 ta’ Dicembru 2012) hi tal-fehma li t-talba tal-attur nomine hi gustifikata. Jidher li qabel saret il-kawza l-konvenuta kienet diga’ ntalbet thallas is-somma. Il-kwistjoni dwar jekk is-somma ta’ €20,000 inghatawx b’self jew bhala investiment ghall-ishma f’kumpannija, m’huwiex determinanti ghal finijiet tal-kap tal-ispejjez. Il-hlas fih innifsu, li sar fil-mori tal-kawza, jikkonferma li l-kumpannija konvenuta kienet debitrici tal-attur nomine. Hu car li kienu l-proceduri gudizzjarji li wasslu lill-konvenuta biex thallas dak li kien dovut minnha lill-attur nomine.

**Ghaldaqstant tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas l-ispejjez gudizzjarji**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------